MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru. 718/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Martin Sammut)**

**Vs**
**Wayne Delia ta’ 27 sena, iben Martin u Mandy nee’ Warner, imwieled fil-21 ta’ Novembru 1985, Pieta’, u residenti Emanuel Flats, Flat 4, Triq Kent, Fgura detentur ta’ karta ta’l-identita’ numru 574785(M)**

**U**

**Christopher Philip Agius ta’ 21 sena, iben Michael William u Anne nee’ Downer, imwieled 14 ta’ Lulju 1991 Londra, u residenti 94, Triq Guze’ D’Amato, Paola detentur ta’ karta ta’l-identita numru 20102L**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Wayne Delia u Christopher Philip Agius akkuzati talli nhar il-24 ta' Awwissu 2007 ghal habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl (23:15hrs) gewwa Triq Elija u Triq Sant'Andrija San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC1314 R. Ambrogio, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita' kompetenti.

2. Ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta'PC1314 R.Ambrogio, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' PC1314 R.Ambrogio.

4. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' unifomi tal-Pulizija, liema hsara ma tiskorriex l-hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' telefon cellular, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50), izda ma tiskorriex l-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu taPC1314 R.Ambrogio.

6. Volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

7. Ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' PC1314 R.Ambrogio jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijietu billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gabu fix-

xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor.

8. U akkuzati aktar talli kissru ordni tal-Qorti li ma jaghmlux reat, liema ordnijiet gew moghtija b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta.

Wayne Delia wahdu akkuzat aktar talli il-24 ta’ Awwissu 2007 ghal habta tal-hdax u kwart ta’ bil-lejl (23:15hrs), gewwa Triq Elija u Triq Sant’Andrija San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

9. Ittanta jew hajjar lil PC1314 R. Ambrogio, ufficjal pubbliku, biex jaghmel delitt ta’ korruzzjoni.

10. Saq jew kellu kontroll tal-vettura KAK713 tal-marka Volkswagen, meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

11. Irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-29 ta’ Awwissu 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari ta’l-akkuza jidher illi l-imputati qed jigu addebitati b’mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ufficjal pubbliku involut f’dana l-incident huma l-kuntistabbli 1314 Raymond Ambrogio. Jidher illi l-imputati kienu ghadhom kemm qattghu lejla gewwa Paceville meta ghal habta tal-hdax kienu qed jerhilu lejn Rahal il-Gdid. Il-

vettura kienet qed tinsaq mill-imputat Wayne Delia u riekeb hdejh fis-seat tal-passiggier kien hemm l-imputat l-iehor Christopher Agius. Rekbin fuq wara kien hemm shabhom Christopher Briffa u Andrew Cachia. Il-kuntistabbli Ambrogio kien qieghed ghassa mat-traffiku jistenna sakemm isiru nofs il-lejl biex jaghlaq Triq Garibaldi gewwa San Giljan peress illi kienu ser isiru xi xogholijiet fuq il-bridge. F’hin minnhom osserva lil-imputat Delia qieghed jargumenta bl-idejn ma’ xi nies fit-triq u ghalhekk huwa avvicina l-vettura taghhom. Huwa osserva illi Delia kien agitat, u issuspetta illi kien fis-sakra. Ghalhekk waqqfu u tallbu jistenna sakemm jigu il-pulizija tal-iskwadra tal-mobile sabiex jaghmlulu dana it-test, izda l-imputat Delia iktar beda jagita ruhu u dehrlu illi ma kellux ghalfejn jaghmel dana it-test u li l-pulizija kien waqqfu intortament. Ghalhekk inqala’ argument bejniethom fejn Delia beda ihedded lil-pulizija u qallu li kien ser jitlaq minn fuq il-post. Il-pulizija kien pront hadlu ic-cavetta mill-ignition tal-vettura. Dina l-azzjoni iktar urtat lil Delia li anke hareg il-wallet u ipprova jaghti xi flus lill-kuntistabbli sabiex dan ta’l-ahhar ma jirrapurtahx, izda meta ra li l-pulizija kien intrasigenti u beda jipprova icempel ghall-assistenza, hebb ghalih, tajjarlu il-mobile phone minn idejh bil-konsegwenza li dana inkiser u tah xi daqqiet ta’ ponn. Hawnhekk jidher illi l-imputat Christopher Agius inghaqad ma’ siehbu u anke hu xejjer xi daqqiet fid-direzzjoni tal-kuntistabbli. Jidher illi dawn iz-zaghazagh aggredew lill-pulizija u anke carrtulu il-qalziet ta’l-uniformi meta ippruvaw jehdulu c-cavvetta tal-karozza mill-but. Dana l-ufficjal tal-pulizija spicca sofra xi griehi hfief u minflok irritalja telaq jigri lejn id-direzzjoni ta’ Paceville bit-tama li isib xi pulizija ohra vicin l-istabbiliment tal-Burger King sabiex jaghtuh l-assistenza. L-imputati baqghu jigru warajh ghal nofs it-triq u ihedduh. Kif wasal hdejn il-Burger King, izda ma sabx pulizija peress illi dawn kienu okkupati fil-festa ta’ San Giljan u talab lil xi bouncers li kien hemm vicin xi stabbilimenti ta’ divertiment biex jaghtuh l-assistenza. Ighid izda illi sakemm rega wasal lura fuq il-post kienu wasslu l-pulizija mill-iskwadra tal-mobile li arrestaw lil dawn iz-zghazagh.

Meta jigi arrestat, lill-imputat Delia isirlu it-test tal-breathalyzer, izda billi baqa' jirrifjuta illi jaghti kampjun tan-nifs kif suppost u ma bediex jonfoh b'bizzejjed sahha, it-test ma irnexxiex. Meta jigi interrogat, ghall-ewwel jinnega illi huwa refa idejh fuq il-kuntistabbli Ambrogio, izda fit-tieni stqarrija rilaxxjata volontarjment minnu huwa jammetti li refa idejh fuq dana l-ufficjal tal-pulizija u li tah xi daqqiet ta' ponn. Anke l-imputat l-iehor Christopher Agius, ghalkemm ghall-ewwel jinnega illi huwa xejjer xi daqqiet fil-konfront tal-kuntistabbli tal-pulizija, izda fl-ahhar jammetti illi ghamel dan u skuza ruhu ghall-incident.[1]

Ikkunsidrat,

Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn iz-zewg reati li huma inkorporati fl-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputati, ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.

[1] Ara stqarrijiet Dokuemnti WD6, WD7 u WD8 a fols. 35 sa 42

L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

**"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."**

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad

**"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio*."**

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid:

**"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose***

***of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-***

***servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*".**

Ikkunsidrat,

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali ma hgemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom b'mod precis f'dak dispost fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9. Illi l-Qorti qabel xejn tirrileva illi hija temmen bi shih il-verzjoni moghtija mil-kuntistabbli 1314 li f'dik il-lejla kull ma kien qed jaghmel kien id-dover tieghu u xejn izjed. Talli ghamel dan spicca attakkat minn dawn iz-zewg zghazagh li dehrilhom li ma kellhomx joqghodu ghall-ordnijiet li kien qed jaghtihom dana l-ufficjal tal-pulizija. Minflok huma hebbu ghalih, attakkawh u uzaw vjolenza fuqu u dana sabiex jimpeduh milli jaghmel id-dover tieghu. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-imputati huma hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront taghhom. Billi it-tieni akkuza hija akkuza alternattiva ghall-ewwel wahda, l-imputati ser jigu illiberati mil-istess.

Illi jirrizulta ukoll ampjament ippruvat illi f'dina it-taqtiegha l-imputati ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-kuntistabbli 1314[2], kif ukoll illi ikkagunawlu hsara fit-telefon cellulari tieghu u anke fl-uniformi tieghu u dana meta huma aggredewh u hebbew ghalih. Illi l-imputat ezebixxa ricevuta minn fejn jirrizulta illi huwa kien ghadu kemm xtara dana it-telefon cellulari xi ftit xhur qabel ghal prezz ta' Lm320.[3] Inoltre huma ikkagunaw hsara ukoll fl-unifromi tal-kuntistabbli u il-beritta tieghu u dana ghal valur ta' Lm14. Illi ghalhekk l-imputati ser jinstabu hatja ukoll ta' dawn l-akkuzi.

---

[2] Ara certifikat mediku a fol.43 u xhieda ta' Dr. Erica Cini a fol.86.
[3] Ara dokumenti a fols. 60

Illi dwar is-sitt u is-seba akkuzi li huma akkuzi ta' natura kontravvenzjonali, dawn ukoll jirrizultaw ippruvati ghalkemm l-akkuza numru seba hija kompriza fl-ewwel akkuza li taghha l-imputati qed jinstabu hatja. Illi dwar l-akkuza tal-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, ghandu jinghad illi l-imputati qajjmu kommossjoni shiha fuq ix-xejn! Li kieku l-imputat Delia obda minnufih dak illi ordnalu l-kuntistabbli 1314, dana l-incident kien jigi evitat, izda hu u siehbu ghogobhom jattakkaw ufficjal tal-pulizija, jigru warajh fit-toroq traffikuzi ta' Paceville, tant illi kellhom jissejjhu diversi ufficjali ohra tal-pulizija fuq il-post sabiex jikkontrollaw lill-imputati.

Illi l-imputati jinsabu ukoll akkuzati illi kissru ordni tal-Qorti li ma jaghmlux reati ohra u dana b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta. Illi fir-rigward ta'l-imputat Wayne Delia jirrizulta illi dina l-akkuza giet irtirata fis-seduta tat-18 ta' Frar 2009 peress illi dina ghaddiet in gudikat permezz ta'sentenza ohra moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-04 ta' Settembru 2008. Kwindi l-imputat Wayne Delia ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi fir-rigward ta'l-imputat Christopher Agius jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tat-28 ta' Novembru 2006, l-imputat kien tqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin. Illi jirrizulta illi ir-reati li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat permezz ta' dina l-istanza gew kommessi fl-2007 u kwindi fil-perijodu operattiv ta' dik is-sentenza. Kwindi l-imputat ser jisnab hati ta' dina l-akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat Wayne Delia, wahdu jinsab akkuzat bi tlett reati ohra u cioe' it-tentattiv ta' korruzzjoni ta'l-ufficjal pubbliku, is-sewqan taht l-influwenza tax-xorb u ir-rifjut li jaghti il-kampjun tan-nifs ghat-test tal-*breathalyzer*.

Illi id-disa akkuza hija dik inkwadrata fl-artikolu 120(2) tal-Kapitolu 9 li titkellem dwar it-tenattiv ta' korruzzjoni ta'

ufficjal pubbliku. Illi PC 1314 fix-xhieda tieghu ighid testwalment:

**"Meta raw li jiena ma biddiltx fehmti u bqajt sod, naf li rajt lil Wayne Delia qed johrog il-portmoni tal-flus u qalli: "Kemm trid?" Dak il-hin naf li hareg il-flus, ikkalkulajt li kienu xi hmistax il-Lira Maltin (Lm15) pero mhiniex cert u jiena ghedtlu biex idahhal il-flus f'posthom."[4]**

L-imputat Delia minn naha tieghu jichad illi dana sehh[5]. Izda kif diga stqarret il-Qorti iktar 'il fuq, hija ma ghandha l-ebda dubbju mil-veracita tax-xhieda tal-kuntistabbli 1314.

Illi l-artikolu 120 jaghmel referenza ghall-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni minn fejn jirrizulta illi l-elementi bazici li iridu jigu ippruvati huma essenzjalment erbgha u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.

3. li dana ikun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Illi dana ir-reat, u cioe dak dispost fl-artikolu 120, gie intorodott permezz ta' l-Ordinanza numru 1 tal-1903 u dana billi inhasset il-htiega li jigi ikkreat reat *ad hoc* ghal dawk l-istanzi fejn l-ufficjal pubbliku ma ikunx accetta l-offerta jew il-weghda li tkun qed issirlu. Dana ghaliex fil-kazijiet illi l-weghda jew l-offerta tigi accetta mil-ufficjal pubbliku, il-persuna li tkun ghamlet dik l-offerta titiqies

[4] Ara xhieda a fol.56
[5] Ara stqarrija a fol.36

bhala komplici, izda dina l-figura tal-komplici tigi nieqsa fil-kazijiet fejn l-offerta ma tkunx giet accettata billi l-ufficjal pubbliku ma ikunx irrenda ruhu hati tar-reat tal-korruzzjoni. Inoltre l-offerta jew il-weghda tikkostitwixxi reat ikkunsmat u ma jistax jigi meqjus li hwua tentattiv. Il-Mamo ighid:

**"*This provision settles a question which was variously solved by theoretical writers. Some held that the mere offer of a reward made to a public servant for the purpose of influencing his conduct and which is not accepted by such public servant, constituted attempted corruption. Others such as Carrara and Pessina held an opposite view. Corruption – these latter jurists said – is a bilateral crime resulting from the concurrence of the act of the corrupter and the officer corrupted, and this constituted by the acceptance of the reward or promise; it follows that the mere offer of money or other consideration is not an act of execution, it being the act of one party only which can never by itself give rise to the said crime and to it therefore, the rules of attempt cannot apply. On the other hand, these jurists went on to say, once the offer is not accepted by the public servant and the principal offence is not, therefore, committed, one cannot think of applying to the briber the rules of complicity: to do so would be to make punishable an attempted complicity, which – as we know – is absurd*."**

Illi kien ghalhekk illi gie introdott dana ir-reat bhala reat "ad hoc" u dana minhabba l-anomalija legali illi ir-rijfut ta'l-accettazzjoni minn naha ta'l-ufficjal pubbliku kienet qed iggib maghha.

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi l-imputat Delia offra il-flus lill-kuntistabbli Ambrogio biex dana jonqos milli jaghmel id-dmir tieghu, izda dina l-offerta giet irrijutata minn dana l-ufficjal tal-pulizija. Kwindi jirrizultaw l-elementi legali kollha li isawwru dina dina id-disposizzjoni tal-ligi li tqies bhala reat ikkunsmat tentattiv ta' korruzzjoni li huwa

reat li igorr mieghu piena ta' prigunerija *ad hoc,* differenti minn dak stabbilit fil-ligi taghna ghat-tentattiv.

Illi finalment l-imputat huwa akkuzat bir-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm l-artikolu 15A ma jirrikjediex bhala prova test tal-breathalyzer pozittiv ghal sejbien ta' htija, kuntrarjament ghall-artikolu 15B, madanakollu l-imputat (u dana b'rabta mal-akkuza numru 9), naqas milli jaghti kampjun tan-nifs kif suppost skond il-ligi. Fil-fatt is-surgent Maggur 954 Paul Mangion ighid: “Wara li jiena tghajtu is-solita twissija huwa accetta li jsiru il-breathalyzer tests. Hu ma bediex jobdi l-ordnijiet tieghi u ma bediex jonfoh sew, allura l-computer ma setax jezegwixxi it-test. Ghalhekk jiena kelli inwaqqaf it-test u ma stajniex inkompluh.”[6] Illi l-artikolu 15I(3) jipprovdi illi l-persuna titiqies illi tkun tat il-kampjun tan-nifs taghha jekk hija tottempera ruhu mal-modalitajiet ta' kif ghandu isir it-test ai termini ta'l-artikolu 15E. Fil-fatt l-artikolu 15E(4) johloq il-presunzjoni legali illi jekk il-persuna li qed tigi ezaminata tonqos milli taghmel it-test kif suppost allura ghandu jitqies illi l-livell ta' alkohol huwa ghola minn dak stabbilit fil-ligi u jispetta lil persuna akkuzata imbaghad tipprova illi hija ma ghamlitx it-test kif suppost minhabba xi mard fiziku jew mentali. Dina l-prova l-imputat ma iressaqiex u ghalhekk tiskatta l-presunzjoni legali illi l-imputat kellu livell gholi ta' alkohol u kwindi kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb. Kwindi huwa ser jinstab hati ta' dawn ir-reati ukoll.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti hija tal-fehma illi ma tistax timxi bl-istess mod maz-zewg imputati. Ibda biex l-imputat Christopher Agius kien minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u ghalkemm huwa kiser Ordni ta' Probation li kienet giet imposta fuqu sena qabel, madanakollu il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi fil-kalibrazzjoni tal-piena. Illi mir-rapport ta'l-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato jirrizulta illi l-imputat kellu trobbija difficli lli effetwatu fl-imgieba tieghu meta kiber sabiex huwa waqa' vittma tal-vizzju tad-droga sa minn eta zghira hafna. Jidher illi

---

[6] Ara xhieda a fol.79

recentement huwa anke beda isegwi programm ghar-riabilitazzjoni mil-vizzju tad-droga u kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha sabiex ikompli jiehu il-kura li ghandu bzonn.

Illi l-istess ma jistax jinghad fil-konfront ta'l-imputat Wayne Delia. Ibda biex jekk wiehed ihares lejn il-fedina penali tieghu, li hija piuttost voluminuza ghalkemm ghadu zghir, johorg car illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma hajjtu izda ghal xi raguni huwa qieghed iwebbes rasu u jibqa fit-triq tad-delinkwenza. Illi mir-rapport ta'l-Ufficjal tal-Probation jirrizulta illi Delia ma tantx qed juri wisq motivazzjoni sabiex jirriabilita ruhu mil-vizzju serju tad-droga li jinsab fih. Fil-fatt anke l-Ufficjal tal-Probation jaghmel rakomandazzjoni li huwa jinghata piena karcerarja effettiva bit-tama illi waqt li ikun inkarcerat l-imputat juri iktar hegga biex jibda isegwi programm bis-serjeta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 96(a), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(b)(c), 338(dd), 338(ee), 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta'l-imputat Wayne Delia biss, l-artikolu 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15A, 15E(4), 15I(3), 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta'l-imputat Christopher Philip Agius l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputati mit-tieni akkuza u tillibera lill-imputat Wayne Delia mit-tmien akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibhom hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

**PIENA:**

**Fil-konfront ta'l-imputat Christopher Philip Agius**:

L-imputat qed jitqieghed taht ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni illi huwa ikompli jiehu il-kura li ghandu bzonn ghar-riabilitazzjoni mil-vizzju tieghu tad-droga u wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 96(a) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta iggib fis-sehh is-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Minorenni fit-28 ta' Novembru 2006, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€500). Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lil PC1314 Raymond Ambrogio s-somma ta’ €372.70 u lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta’
€16.31 u dana fi zmien sena mil-lum.

**<u>Fil-konfront ta’l-imputat Wayne Delia</u>**:
L-imputat qed jigi ikkundannat ghal perijodu ta’ ghaxar xhur prigunerija b’rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta’ Kordin illi l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn ghar-riabiltazzjoni tieghu mil-vizzju tad-droga. Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lil PC1314 Raymond Ambrogio s-somma ta’ €372.70 u lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta’ €16.31 u dana fi zmien sena mil-lum

Il-Qorti tordna illi kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur Probation Services u lid-Direttur Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------